**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 60/07**

Il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016 fis-17:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal 18:30* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | *Assenti b'Apoloġija* |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**AGENDA**

60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
60.5 Rapporti - inkluż Rapport tat-Tielet kwart tas-Sena kif ukoll l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017;
60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
60.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
60.9 Mozzjonijiet; u
60.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

***Qabel bdiet il-laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill Lokali li kien hemm xi problemi tekniċi fuq is-sistema tal-Live Streaming u għaldaqstant il-laqgħa ma kenitx ser tixxandar live.***

## 60.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-Sinjura Doris Vella kienet bgħatet ittra fejn infurat li kienet ser tkun ASSENTI għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kunsill ħa nota u approva li s-Sinjura Doris Vella tkun skużata mill-laqgħa.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 59/07 tat-26 ta' Novembru 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Żied jgħid li għadna qed nistennew l-avukat tagħna jagħtina risposta. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, is-Sindku qal li wara li konna għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb, issa dawn it-tlett individwi kellhom jidhru l-Qorti u s-seduta li fiha hu kellu jixhed, kienet skedata għal nhar l- 20 ta' Diċembru 2016 Is-Sindku żied jgħid li saħansitra il-mastrudaxxa li tana l-istima ried jidher bħala xhud. Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Il-Kunsillier Frans Agius qal li hemm bzonn li hemm barra jifmhu li min ikisser iħallas.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar kien wasal l-appell u li kellu jinstema' f'Jannar 2017. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li kien kellem lis-Segretarju għall-iSports fejn dan qallu li bħala fondi ma setax jagħtina imma talab lis-Sindku biex jagħmel appuntament miegħu u jara kif jista' jkun ta' għajnuna magħna. Turf tal-ground 5 aside

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-każ ta' Triq Betta, bqajna ma rċevejna xejn u allura t-triq trid tingħalaq b'żewġ *bollards* min-naha ta' fejn il-għassa u dak hekk kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti **Mozzjoni Nru 59/01.** Traffic Managment

v. Is-Sindku qal li fir-rigward ta' Triq B'bugia hekk kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa f'**Mozzjoni Nru. 59/02,** biex fil-parti fejn hemm il-ħanut tal-confectionery, quddiem il-bieb tal-store ta' dan il-Confectionery il-*bay* issir un/loading filwaqt li quddiem il-bieb tal-ħanut issir bajda. Issir ukoll tabella fejn turi li l-*parking* huwa riservat għal 4 siegħat filgħodu u 4 siegħat wara nofsinhar. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li din issir ladarba isir il-wiċċ tat-triq u dan peress li x-xogħol kien għadu għaddej.

v.ii Is-Sindku semma li sfortunatament ħafna nies ma kienux għadhom jafu li Triq B'Bugia ma kenitx ser issir kollha imma li kien hu li tkellem ma' Transport Malta biex issir mill-kantuniera ma' Triq Santa Marija. Żied jgħid li kien għamel pressjoni kbira saħansitra ma' Kastilja biex ix-xogħol jitkompla.

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċekkja miegħu dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li konna għadna kif konna u konna għadna qed nistennew. Is-Seg. Eżek. qalet li ċemplitlu u kelmet kemm lis-Segretarja u lilu wkoll. Ġnien Kurunell Mass

vii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li konna erġajna għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra u għadna qed nistennew mingħandu. Inċident monument – Avukat UNTOURS

viii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li mar personali l-PA u ħa miegħu l-karti u l-pjanti oriġinali u wrihomlhom u qalulu li kien jidher li permess kien ħareġ skond l-emenda u għaldaqstant ma setawx jifmhu kif kien għad hemm din il-pendenza. Żied Meter Ġnien Ovindoli

jgħid is-Sindku li kellhom jerġgħu jiċċekjaw min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar u jkelmuna lura. Sad-data u ħin tal-laqgħa ma kienet waslet ebda risposta mill-PA.

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali pero sadanittant inħarġet Ċirkolari nru 34/2016 biex isservi bħala linji gwida għall-Kunsilli Lokali. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq Triq San Franġisk tlesta imma għad hemm problemi lejn it-tarf tagħha fejn hemm l-aħħar dar għaliex ir-residenta qed tgħid li qed iżomm l-ilma u qed tegħreq. Is-Sindku qal li r-residenta qed iċċempel kuljum u hu jweġibha li TM avżati u qed jgħidulu li huma mxew mal-linji tal-Planning Authority. Xogħol mit-TM fi Triq San Frangisk

xi. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu ssponsorjati mill-istess Green MT kienu għadhom ma sarux u dan huwa ksur tal-kuntratt. Laqgħa GREEN MT – Bins

xi.i. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsillieri li dwar il-bin tal-ħwejjeġ qed ikollna ilmenti għax in-nies qed jarmu barra dan il-bin. Sadanittant is-Sindku qal li hemm PQ mill-Onor. Jason Azzopardi u l-Prim Ministru wieġbu li hemmhekk l-art hija pubblika. Ins tat-Tessuti

xi.ii **<u>Mozzjoni 60/01</u>**
Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa u s-Sindku Paul Farrugia ssekonda li jitpoġġew żewġ bins oħra waħda fi Triq il-Ħaġar fejn il-Bring In Sites u oħra fi Triq Santa Marija fuq is-Central Strip quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

xii. Rigward il-ħlas ta' performance bonus lit-tmien ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME is-Sindku qal li kellu laqgħa ma CWSF u JOBSPLUS fejn f'din il-laqgħa spjegalhom li min mhux impjegat tal-Kunsill ma nistgħux inħallsu salarji. Żied jgħid li dwar dan kien hemm ukoll ċirkolari mid-DLG. Community Work Scheme

xiii. Is-Sindku rraporta li wara li x-xogħol fi Triq B'bugia jitlesta kif kien ġie rrapurtat fil-laqgħa preċedenti, kien hemm talba biex isir *traffic management* ġdid. Fejn il-Kunsill kien mitlub li jikkordina mal-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol u miegħu jiftiehem xi spejjeż ikollu l-Kunsill. Is-Sindku qal li wieġeb għal din l-email li dan ma setgħax isir u bgħat kollox bil-miktub u kkopja lill-Ministru. Bħalissa għaddejja korrispondenza bejn il-Ministeru u TM. Triq B'Bugia

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta' skambi bejn gruppi varji, mexjin bin-negozjati biex isiru dawk il-proġetti. Sadanitant nhar it-30 ta' Settembru 2016 saret laqgħa mal-Kuntrattur tal-Kunsill fejn ġie diskuss iktar dan il-kaz. Il-kuntrattur għandu jinfurmana bid-dettalji. Ġemellaġġ ma' Ovindoli

xiv. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienu nxtraw l-kotba u għaldaqstant konna kważi nfaqna l-flus kollha marbgħuta ma' din l-Iskema Finanzjarja. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xv. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xvi. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna *checklist* tal-proċedura għall-GEMELLAGG. mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha s-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. Proċedura – Ġemellaġġ LULA

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Kumitat tal-Festa ġiet posposta għas-sena l-ġdida eżattament għal nhar is-16 ta' Jannar 2017 fi 7:00pm . Laqgħa Kumitat tal-Festa

xviii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ressaq Mozzjoni.

ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv

xviii.i **<u>Mozzjoni 60/02</u>**
Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier Frans Agius ssekonda li għandna nistennew direzzjoni mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

xix. Is-Sindku kkonferma li r-rapport dwar infieq u spejjeż bejn l-amministrazzjoni ta’ l-Ex Sindku Joseph Abela u l-Amministrazzjoni preżenti tas-Sindku Paul Farrugia deher fuq il-paġna FACEBOOK tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku żied jgħid li kif ġew infurmati l-Kunsillieri kollha nħareġ ir-Rapport mill-Awditur Nazzjonali dwar il-Kunsilli Lokali fejn bħala Kunsill Lokali Ħal Tarxien jidher li fl-2015 morna tajjeb.

Rapport ta’ Infieq u Spejjeż

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fi 18:30pm*

## 60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

i. Rigward it-talba mill-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti fejn kien staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux nitolbu lill-barbier li hemm fi Triq Tempji Neolitici k/m Triq Santa Marija sabiex ineħħi bozza li qed tirreflitti fil-mera u ttellef il-viżwal għal min ħiereġ mit-triq, qal s-Sur Agius li dan jidher li kien qed iżommha mitfiha.

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għad ma rċevejna xejn mingħand il-WEEE l-iskip proposta titpoġġa barra.

Skip – skart elettroniku

iii. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel xi żebgħa quddiem xi garaxxijiet fi TRIQ DUN KARM SANT, għaliex kien kelmu resident fejn talbu sabiex jerġgħu jitneħħew.

Marki quddiem garaxxijiet fi Triq Dun Karm Sant

iii.i. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ma tahx dettalji preċiżi tal-indirizz u anqas min kienet il-persuna li kelmitu.

iii.ii. Is-Seg. Eżek. spjegat li dan l-aħħar kienu ffriskaw xi sinjali fit-triq li semma u kienu saru preċiżament għaliex jidher li sid l-garaxx li kien qed jirreferi għalih il-Kunsillier Bonavia ma kienx qed idaħħal il-karozza fil-garaxx imma kien qed jużah bħala post fejn jistorja xi affarijiet tiegħu. Apparti minnhekk is-Sinjur in kwistjoni kien qed jipparkja b’tali mod li kien qed jostakola d-dħul fil-garaxxijiet biswietu. Is-Seg. Eżek. żiedet tgħid li kif inhi l-liġi preżentement biex individwu jressaq vettura li tkun ipparkjata quddiem garaxx, sid il-garaxx irid jipprova li ser idaħħal il-vettura tiegħu fl-istess garaxx. Fil-fatt reġgħet tenniet is-Seg. Eżek. li dan is-sinjur kien qed juża l-garaxx bħala post fejn jistorja xi affarijiet tiegħu.

iii.iii. Il-Kunsillier Bonavia rraporta li ser jerġa jiċċekja sewwa filwaqt li s-Sindku qal li anke hu kien ser jiċċekkja x’kien il-każ f’din is-sitwazzjoni.

## 60.5 Rapporti - inkluż Rapport tat-Tielet kwart tas-Sena kif ukoll l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017

i. Is-Seg. Eżek. ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-Rapport tat-tielet kwart għas-sena 2016 kif ukoll l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017.

ii. Is-Seg. Eżek. spjegat dawn iż-żewġ rapporti hekk kif ippreparati u ppreżentati mill-Accountant tal-Kunsill.

iii. **<u>Mozzjoni 60/03</u>**
Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku Keith Darmanin issekonda li dawn iż-żewġ rapporti jiġu approvati u ffirmati minnu bħala Sindku u mis-Seg Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament.

**60.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 46/07 għall-fatturi ta' Diċembru 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**60.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

i. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-ittra mingħand TM dwar *road humps* fit-Toroq Fieres u Paola k/m Triq Lanzon għad qed nistennew. Road Humps fi Toroq Fieres u Paola

ii. Rigward it-talba għal Reserved Parking fit-Triq TA' SARDINJA ma kienx hemm oġġezzjonijiet min-naħa tal-Kunsill Lokali. Reserved Parking fi Triq TA' SARDINJA

iii. Il-Kunsill kien infurmat li d-DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer. Il-persuna magħzula mhux ser tkun imħallsa mill-Kunsill Lokali. DLG approvat li mal-Kunsill ikun assenjat persuna b'dizabilita bħala part-timer

iii.i Is-Sindku nforma li f'dan ir-rigward għad irridu nagħmlu l-interviews.

iv. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-għada l-Ġimgħa 16 ta' Diċembru fis-6.30pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali kellha ssir l-LAQGĦA PUBBLIKA. LAQGĦA PUBBLIKA

iv.i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kellhom jidhru żewġ avviż tul dik il-ġimgħa.

v. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-iStreet Naming Committee kienu approvaw li l-isqaqien ta' wara l-knisja jiġifieri Sqaqien Britaniku 1 u 2 jinbidlu u jigu TREJQA VINCENT BATTISTINO – RIĊERKATUR STORIKU, u l-ieħor Trejqa IT-TABIB KARL CHIRCOP – MEMBRU PARLAMENTARI. Ismijiet ta' Toroq

vi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kienet ser iġġedded il-polza ta' assikurazzjoni għall-perjodu li l-valura ma jaqbisx dak ta' *direct order* u li sadanittant hija kienet ser tipprepara sabiex tinħareġ jew sejħa għall-kwotazzjoni jew Tender skond il-bżonn. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir hekk. Polza ta' Assikurazzjoni

**60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

*i. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

i.i Is-Sur Agius qal li alissa għad m'għandux iktar dettalji dwar il-proposta fuq bazi personali mill-Kumitat li qed jipprepara ċ-ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa sabiex waħda mill-attivitijiet issir b'mod konġunt mal-Kunsill Lokali u tkun tikkonsisti fi tberik tal-annimali. Sadanittant issuġġerixxa wkoll li niddiskutuha anke mal-Kappillan. ċelebrazzjonijiet tal-450 sena parroċċa

ii. *Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli*

ii.i Il-Kunsillier Dalli qal li kien ser jikkuntattja lill-Operatur sabiex jitpoġġew iż-żewġ bins tal-ħwejjeġ waħda fi Triq il-Ħaġar fejn il-Bring In Sites u l-oħra fi Triq Santa Marija fuq is-Central Strip quddiem il-Kunsill Lokali. Bin biex jintremew it-tessuti

ii.ii. Ġie spjegat lill-Kunsillier Dalli li l-iStickers sofor biex ma jintremiex żibel ieħor mal-ġenb ta' dawn l-iskips ma kienux saru peress li l-operatur stess kien diġa waħħal xi stickers ta' dan it-tip mal-istess bins. Apparti l-fatt li kull sticker li kienet ser tiġi pprintjata kienet ser tiswa mal-€45.

iv.iv Il-Kunsillier Dalli qal li għad m'għandux risposta dwar il-permess li hemm bżonn sabiex kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew

jipprova jpoġġi kaxxi fl-ispizeriji tar-raħal biex jintremew xi mediċini mhux tajbin. mediċini

**60.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**60.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:30hrs

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm

Iffirmat

________________________
**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

________________________
**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**

Iffirmat

________________________
**Sur Keith Darmanin**
**Viċi Sindku**